INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni li għandha tiġi preżentata skont l-Artikolu 5(2)

It-twaqqif ta' Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT)

(Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19)

(2020/C 167/08)

I.1) **Isem, indirizz u punt ta' kuntatt**

Isem reġistrat: PROXIMITY GECT

Uffiċċju rreġistrat: Agenzia di Sviluppo "La Cittadella del Sapere" c/da Calda n° 8 — 85043 Latronico (Potenza)

Punt ta' kuntatt:

Il-maniġer istituzzjonali tar-REKT Proximity fl-istituzzjonijiet tal-UE

Ing. Stavros Kalogiannis (Mob: + 30 6972806280, st.kalogiannis@yahoo.gr)

President tas-Sħubija Proximity Gect

Dott. Giuseppe Suanno (Mob: + 39 3351025960, presproximitygect@gmail.com)

Direttur Ġenerali Rroximity Gect

Dott. Gilberto Zinzani (+ 39 3388489471, dirgproximitygect@gmail.com)

Posta ċertifikata PEC: proximitygect@pec.it

Indirizz elettroniku tar-Raggruppament: www.proximitygect.eu

I.2) **It-tul taż-żmien tar-Raggruppament:**

It-tul taż-żmien tar-Raggruppament: indefinit

Data tar-reġistrazzjoni: 24.12.2019

II. **GĦANIJIET**

"PROXIMITY GECT" huwa proġett pilota b'ambitu Ewropew fil-makroreġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR). Proximity Gect għandu strateġija marbuta mal-Mediterran, u b'mod partikolari l-istrateġija EUSAIR għaż-żona tal-makroreġjun Adrijatiku-Jonju sabiex jinkisbu l-objettivi li ġejjin, fid-dawl tar-rabtiet storiċi u kulturali mill-qrib ħafna, it-tradizzjonijiet komuni, ir-relazzjonijiet bejn il-popolazzjonijiet residenti (Magna Grecia):

(a) li jsaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi, soċjali u kulturali bejn il-popolazzjonijiet rispettivi tal-membri tiegħu;

(b) li jaħdem lejn l-iżvilupp tat-territorju tal-membri tiegħu fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom billi jagħti attenzjoni speċjali lill-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin: l-innovazzjoni u r-riċerka; il-kultura u t-turiżmu, il-mobilità sostenibbli u n-netwerks trans-Ewropej tat-trasport; is-saħħa; l-ekonomija u l-ambjent taż-żoni muntnajużi; il-promozzjoni ta' multimidja tal-web, dik soċjali u tal-films.

B'mod partikolari:

— kultura: id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi kulturali (wirjiet – kooperazzjoni bejn mużewijiet) u s-sistema integrata għat-tgawdija tal-wirt kulturali u ambjentali, atlas ta' mixjiet;

— saħħa: strateġija ta' innovazzjoni u kampanji ta' prevenzjoni u inizjattivi konġunti fis-settur tas-saħħa;

— ekonomija, agrikultura u ambjent fiż-żoni muntanjużi: organizzazzjoni ta' avvenimenti dwar il-klima, dwar il-parkijiet tar-Reġjun ta' Epiro u r-Reġjun ta' Basilicata;

— ġestjoni tas-sistema innovattiva fl-Italja u fil-Greċja tal-"Club di prodotto" fiż-żona tal-EUSAIR (INTERMODALITAJIET SOSTENIBBILTÀ U BIL-MOD – CICLOVIE NAZZJONALI – KULTURA-AMBJENT-TURIŻMU;

— jipparteċipa fl-Aġenda tar-reġjuni muntanjużi tal-UE;

— INTERMODALITAJIET SOSTENIBBLI (Sistema ta' ciclovie nazzjonali) u Intermodalitajiet b'ferroviji sekondarji u turistiċi u sistemi ta' xmajjar.

III. **DETTALJI ADDIZZJONALI DWAR ISEM IR-RAGGRUPPAMENT**

Isem bl-Ingliż: EGTC Proximity

Isem bil-Franċiż: GECT Proximité

IV. **MEMBRI**

IV.1) **Numru sħiħ tal-membri tar-Raggruppament**: 2

IV.2) **Nazzjonalitajiet tal-membri tar-Raggruppament: l-Italja, Greċja**

IV.3) **Informazzjoni dwar il-membri** ([1])

Isem uffiċjali: Regione Basilicata
Indirizz postali: Viale Vincenzo Verrastro, 4, 85100 Potenza, IT
Indirizz tal-Internet: www.regione.basilicata.it
Tip ta' membru: Awtorità reġjonali

Isem uffiċjali: Regione Epiro
Indirizz postali: Piazza Pyros 1, 45521, Ioannina, EL
Indirizz tal-Internet: www.php.gov.gr
Tip ta' membru: Awtorità reġjonali

([1]) Jekk jogħġbok żid għal kull membru.